MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2024

Appell Inferjuri Numru 268/2021 LM

**GasanMamo Insurance Limited (C 3143)**
*('l-appellata')*

***vs***

**Robert Camilleri (K.I. nru. 250269M)**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Robert Camilleri (K.I. nru. 250269M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-Ewwel Qorti'], tat-12 ta' Ġunju, 2023, li permezz tagħha l-Ewwel Qorti kkonkludiet li l-intimat kiser waħda mill-kundizzjonijiet tal-polza tal-assigurazzjoni maħruġa lilu mis-soċjetà rikorrenti

**GasanMamo Insurance Limited (C 3143)**[hawnhekk 'l-appellata'] fir-rigward tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni FAE 695, għaliex huwa kien qiegħed isuq taħt l-influwenza tax-xorb meta seħħ inċident awtomobilistiku fit-12 ta' Novembru, 2016; iddikjarat li s-soċjetà rikorrenti għandha dritt għal rimbors tas-somma konsistenti f'danni, spejjeż u imgħaxijiet mill-20 ta' Settembru 2017 sa t-12 ta' Marzu 2021, li ħallset lit-terz danneġġjat wara l-lodo arbitrali tad-19 ta' Jannar 2021, fl-ammont ta' ħamest elef disa' mija u tmintax-il euro u wieħed u tletin ċenteżmu (€5,918.31); u kkundannat lill-intimat iħallas din is-somma lis-soċjetà rikorrenti flimkien mal-imgħaxijiet legali dekorribbli mis-17 ta' Marzu, 2021, sad-data tal-effettiv pagament.

<u>**Fatti**</u>

2. Permezz tal-Avviż tagħha quddiem l-Ewwel Qorti, is-soċjetà rikorrenti talbet li l-intimat ikun ikkundannat iħallasha s-somma ta' ħamest elef, disa' mija u tmintax-il Euro u tlettax-il ċenteżmu (€5,918.13) rappreżentanti danni, spejjeż legali u imgħaxijiet sat-12 ta' Marzu, 2021, liema danni jirriżultaw minn inċident tat-traffiku li seħħ fit-12 ta' Novembru, 2016. Is-soċjetà rikorrenti qalet li l-vettura misjuqa mill-intimat kienet assigurata magħha permezz ta' Polza ta' Assigurazzjoni *Fire & Theft,* u din hija s-somma li kienet ordnata tħallas a tenur tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta permezz tal-*lodo* arbitrali fl-ismijiet **Mark Christopher Mifsud *vs.* GasanMamo Insurance u Robert Camilleri**, u dan minkejja ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza tal-assigurazzjoni fir-rigward tal-vettura misjuqa mill-intimat.

3. Fir-risposta tiegħu, l-intimat qal li s-soċjetà rikorrenti ma setgħetx tipproponi din il-kawża in kwantu d-disposizzjonijiet tal-artikolu 10(3) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta ma ġewx osservati minnha. Qal li sabiex soċjetà assigurattiva li tħallas xi somma *ai termini* ta' polza tal-assigurazzjoni, jkollha dritt ta' rivalsa kontra l-assigurat tagħha, is-soċjetà rikorrenti trid l-ewwel tkun ħadet sentenza li tagħtieha d-dritt li tannulla l-imsemmija polza tal-assigurazzjoni. L-intimat kompla jgħid li skont l-artikolu 10(3) tal-Kap. 104, l-assiguratur li jippretendi li ma jħallas ebda somma *ai termini* tal-artikolu 10(1) u (2), irid ikun beda kawża qabel jew fi żmien tliet xhur minn meta jinbeda l-proċediment li fih tkun ingħatat is-sentenza, u permezz ta' tali proċeduri huwa jrid ikun ingħata dikjarazzjoni li għandu l-jedd li jannulla l-polza tal-assigurazzjoni. L-intimat qal li fil-każ odjern, is-soċjetà rikorrenti ma fetħet l-ebda proċeduri entro l-imsemmi perijodu, u għalhekk ma tistax tippretendi li għandha l-jedd tirkupra l-ispejjeż b'rivalsa mingħandu. Qal ukoll li t-talba tas-soċjetà rikorrenti hija ġuridikament u fattwalment insostenibbli.

## **Is-Sentenza Appellata**

4. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-12 ta' Ġunju, 2023, l-Ewwel Qorti ddeċidiet billi filwaqt li ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-intimat, laqgħet it-talbiet tas-soċjetà rikorrenti, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Provi;*
>
> *5. M'hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar l-ammont li l-kumpannija rikorrenti ħallset lil Mark Christopher Mifsud ossia dak ta' €5,918.31. F'dan ir-rigward xehed* ***Kristian Vella****,* Motor Claims Manager *tar-rikorrenti, illi fis-seduta tal-14 ta' Marzu, 2022 (fn. 10 fol. 105) esebixxa* timeline *(Dok. KV – (fn. 11 Fol. 206-207) ta' kif seħħew l-affarijiet u spjega illi l-intimat kellu polza tal-assigurazzjoni maħruġa mir-rikorrenti*

*fuq bażi* Third Party Fire & Theft *fir-rigward tal-użu tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni FAE 695. (fn. 121 fol. 208-209). Fit-30 ta' Novembru, 2016 l-intimat kien ippreżenta l-*claim *relattiva mar-rikorrenti fejn dan* inter alia *ddikjara illi l-inċident kien seħħ minħabba li l-"*insured lost control due to mechanical damage." *(fn. 13 Fol. 210 – 212). Fil-*claim form *l-intimat ma semma xejn rigwardanti l-istat ta' sokor li kien fih iżda meta fid-9 ta' Diċembru, 2016 irċeviet ir-rapport tal-Pulizija (fn. 14 Fol. 213- 219) hija sabet illi fil-fatt ir-rikorrent* [sic!] *kien ġie amministrat it-test tal-*breathalyser *li minnu rriżulta li huwa kellu 44 ug/100ml (ossia 44 mikrogramma ta' alkoħol f'kull mitt millilitru ta' nifs). Skont ix-xhud dakinhar stess l-intimat kien mar l-uffiċini tagħhom fejn huwa ġie infurmat illi peress li kien qed isuq taħt l-influwenza tax-xorb huwa ma kienx kopert bil-polza u għalhekk ġie mistieden sabiex jidħol f'*repayment agreement *mal-kumpannija sabiex din tħallas lit-terz mingħajr ma jkun hemm il-ħtieġa ta' azzjoni legali. L-intimat wiegħedhom illi kien ser jaħsibha u jiġi lura b'risposta sat-12 ta' Diċembru, 2016. Madanakollu dan naqas milli jagħmel hekk u wara diversi telefonati li sarulu fl-aħħar infurmahom f'Jannar 2017 li kien qed jieħu parir legali. Fit-12 ta' Jannar, 2017 ir-rikorrenti u l-intimat irċevew ittra bonarja għall-ħlas mingħand id-danneġġjat (fn. 15 fol. 220) u kien għalhekk li fis-26 ta' Jannar, 2017 ir-rikorrenti bagħtet ittra lill-intimat sabiex tinfurmah formalment illi huwa ma kienx kopert bil-polza minħabba l-istat ta' sokor tiegħu waqt is-sewqan u li kien ikun aħjar għalih illi jasal fi ftehim mat-terz malajr kemm jista' jkun. Huwa ġie mwissi li f'każ li t-terz jiftaħ kawża u l-kumpannija tiġi misjuba responsabbli skont il-Kap. 104 hija kienet ser iżżommu responsabbli għad-danni li ssofri. (fn. 16 fol. 221).*

6. *Fid-19 ta' Settembru, 2017 it-terz fetaħ il-proċeduri tal-arbitraġġ u fid-19 ta' Jannar, 2021 ingħata l-*lodo arbitrali. *F'dan ir-rigward xehdet ukoll fl-istess seduta* ***Dr. Fiona Galea Farrugia*** *Reġistratur taċ-Ċentru Malti għall-Arbitraġġ, li ppreżentat kopja tal-inkartament inkluż it-talba, ir-risposti tal-partijiet, ix-xhieda, il-*lodo *arbitrali u t-taxxa tal-ispejjeż. (fn. 17 fol. 106-205)*

7. *Lura għax-xhieda ta'* ***Kristian Vella****,* Motor Claims Manager *tar-rikorrenti, ix-xhud spjega illi wara li l-kumpannija irċeviet il-kont tal-ispejjeż u imgħaxijiet (fn. 18 fol. 227) hija ħallset lit-terz is-somma ta' €5,918.31 permezz ta'* bank transfer *fis-17 ta' Marzu, 2021. (fn. 19 fol. 229).*

*Kunsiderazzjonijiet dwar l-Art. 10(3) tal-Kap. 104*

8. *Illi l-intimat qed isostni illi r-rikorrenti tilfet id-dritt ta' rivalsa kontra l-intimat għaliex naqset milli taġixxi skont l-Art. 10(3) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta.*

9. *F'dan ir-rigward jingħad illi l-obbligu li kellha r-rikorrenti għall-ħlas lit-terz tad-danni sofferti minnu joħroġ mill-Art. 10(1) tal-Kap. 104 li jipprovdi hekk:*

**"10. (1) Jekk, wara li jkun inħareġ ċertifikat ta' assigurazzjoni taħt l-artikolu 4(4) tal-artikolu 4 lill-persuna li tkun ħadet il-polza, tiġi mogħtija sentenza kontra persuna assigurata bil-polza, dwar responsabbilità li għandha tkun koperta minn polza taħt l-artikolu 4(1) (meta hija responsabbilità koperta bil-kondizzjonijiet tal-polza), f'dan il-każ, għad illi l-assiguratur awtorizzat ikun jista' jannulla jew iħassar, jew ikun annulla jew ħassar il-polza, huwa għandu, bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jħallas lill-persuni li favur tagħhom tkun ingħatat is-sentenza, kull somma ta' flus li għandha titħallas bis-saħħa ta' dik is-sentenza dwar ir-responsabbilità fuq imsemmija, kompriż l-ammont li jmiss jitħallas għal spejjeż u għal imgħaxijiet fuq dik is-somma u dik is-sentenza wara jumejn li tiġi notifikata lill-assiguratur b'att ġudizzjarju għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv kontra dak l-assiguratur għall-finijiet kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u tista' tiġi enforzata kontra tiegħu."**

*10. Il-prinċipju għalhekk huwa illi minkejja li l-assiguratur jista' jkollu d-dritt li jannulla jew iħassar polza huwa obbligat illi jħallas lill-persuni li jkunu ħadu sentenza kontra l-persuna assigurata, kemm l-ammont tad-danni kif ukoll l-imgħaxijiet u l-ispejjeż. Dan il-prinċipju huwa suġġett għal numru ristrett ta' eċċezzjonijiet fosthom dawk provduti fl-Art. 10(2) (ċ) u fl-Art. 10(3).*

*11. L-Art. 10(2)(ċ) jirrigwarda eċċezzjoni li prinċipalment tkun avverat ruħha **<u>qabel ma jseħħ il-fatt</u>** li jagħti lok għal responsabbilità.*

**"10(2) Ebda somma ma jkollha titħallas mill-assiguratur awtorizzat taħt id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu –**

**...**

**(ċ) b'effett ta' responsabbilità jekk <u>qabel ma jiġri l-fatt</u> li jkun ikkaġuna l-mewt jew l-offiża fuq il-persuna jew ħsara lill-proprjetà illi tagħti lok għal dik ir-responsabbilità, <u>il-polza kienet ġiet imħassra mill-partijiet bil-kunsens ta' xulxin jew bis-saħħa ta' kondizzjoni fl-istess polza</u>, u –**

**(i) jew qabel ma jiġri l-fatt hawn fuq imsemmi ċ-ċertifikat ikun ġie mogħti lura lill-assiguratur awtorizzat, jew lill-persuna li għaliha ċ-ċertifikat ikun inħareġ, tkun għamlet u tat lill-assiguratur awtorizzat dikjarazzjoni maħlufa li ċ-ċertifikat intilef jew ġie distrutt, inkella**

**(ii) wara li jiġri l-fatt hawn fuq imsemmi, iżda qabel ma jagħlqu erbatax-il ġurnata minn meta jibda l-effett tat-tħassir tal-polza, iċ-ċertifikat ikun ġie mogħti lura lill-assiguratur awtorizzat jew il-persuna li għaliha ċ-ċertifikat ikun inħareġ, tkun għamlet u tat dik id-dikjarazzjoni maħlufa kif ingħad hawn fuq, inkella**

**(iii) qabel ma jiġri l-fatt hawn imsemmi, l-assiguratur awtorizzat ikun ippreżenta ittra uffiċjali kontra l-persuna li jkun inħariġlu, sarlu jew ġie kkunsinnat lilu ċ-**

**ċertifikat, dwar in-nuqqas li jagħti lura dak iċ-ċertifikat, u dik l-ittra ġiet notifikata bil-miktub lil dik il-persuna mill-inqas jumejn tax-xogħol qabel ma jkun ġara dak il-fatt; jew mill-inqas jumejn tax-xogħol qabel ma jkun ġara dak il-fatt; jew**

**(iv) wara li jiġri l-fatt hawn imsemmi, imma qabel ma jgħaddu erbatax-il ġurnata minn meta jibda jseħħ it-tħassir tal-polza, l-assiguratur awtorizzat ikun beda proċedimenti taħt din l-Ordinanza dwar in-nuqqas li jingħata lura dak iċ-ċertifikat."**

*12. L-Art. 10(3) min-naħa l-oħra jirrigwarda eċċezzjoni li tista' tavvera ruħha* ***wara li jkun seħħ il-fatt*** *li jagħti lok għal responsabbilità:*

"**10.(3) Ebda somma ma jkollha titħallas mill-assiguratur awtorizzat taħt id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, jekk, f'kawża mibdija qabel, jew fi żmien tliet xhur wara, li jinbeda l-proċediment li fih tkun ġiet mogħtija s-sentenza, hu jkun ħa dikjarazzjoni illi, apparti mid-disposizzjonijiet tal-polza, huwa għandu jedd li jannullaha minħabba li kienet ittieħdet bil-ħabi ta' fatt sostanzjali jew billi ġie rappreżentat fatt li kien falz f'xi partikolarità sostanzjali, jew, jekk ikun annulla l-polza għal dik ir-raġuni, illi kellu jedd li jagħmel hekk apparti mill-kondizzjonijiet tagħha:**

**Iżda, assiguratur awtorizzat li jkun ħa f'kawża d-dikjarazzjoni kif jingħad hawn fuq ma jkollux b'daqshekk il-jedd għall-benefiċċju ta' dan is-subartikolu dwar sentenza meħuda fi proċediment mibdi qabel ma tkun bdiet dik il-kawża, kemm-il darba qabel jew fi żmien sebat ijiem wara li tibda dik il-kawża hu ma jkunx ta avviż tagħha b'att ġudizzjarju lill-persuna li tkun l-attriċi f'dak il-proċediment billi jispeċifika l-ħabi jew ir-rappreżentazzjoni falza li huwa bi ħsiebu jibbaża ruħhu fuqhom, u kull persuna li tiġi mogħtija avviż ta' dik il-kawża jkollha l-jedd, jekk trid, li ssir parti fiha."**

*13. Sabiex l-assiguratur jibbenefika minn din l-eċċezzjoni għall-prinċipju ġenerali taħt l-Art. 10(1), jeħtieġlu għalhekk illi:*

*1. Huwa jkollu jedd li jannulla l-polza minħabba li din tkun ittieħdet bil-ħabi ta' fatt sostanzjali (*non-disclosure of a material fact) *jew minħabba li jkun ġie rappreżentat fatt li jkun falz f'partikolarità sostanzjali (*representation of a fact which was false in some material particular *jew huwa jkun diġà annulla l-polza minħabba waħda minn dawn iż-żewġ raġunijiet, U*

*2. Jakkwista dikjarazzjoni permezz ta' sentenza illi huwa intitolat jeżerċita dak il-jedd jew li kien intitolat jeżerċitah (f'każ li jkun diġà annulla l-polza);U*

> *3. Dik is-sentenza tkun ġiet akkwistata fi proċeduri mibdija **qabel** jew **sa massimu ta' tliet xhur wara** li tkun inbdiet il-kawża mit-terz danneġġjat; U*
>
> *4. Jekk il-proċeduri miftuħa mill-assiguratur ikunu nbdew **wara** li tkun infetħet il-kawża tat-terz danneġġjat, l-assiguratur għandu **qabel** jew **sa massimu ta' sebat ijiem wara** li jiftaħ il-kawża tiegħu jagħti avviż tagħha b'att ġudizzjarju lit-terz danneġġjat li jkollu l-jedd li jekk irid isir parti minn dik il-kawża.*

*14. Mhuwiex ikkuntestat illi l-kumpannija rikorrenti ma akkwistat l-ebda dikjarazzjoni taħt l-Art. 10(3) u għalhekk peress illi lanqas ma setgħet tapplika għal xi eċċezzjonijiet oħra taħt l-Art. 10(2) hija kienet tenuta tħallas lit-terz danneġġjat l-ammont ta' danni, imgħaxijiet u spejjeż likwidati mil-lodo arbitrali ai termini tal-Art. 10(1).*

*15. L-intimat qiegħed jisħaq f'din il-kawża però illi ġialdarba r-rikorrenti ma eżerċitatx l-azzjoni taħt l-art. 10(3) allura hija m'għandha l-ebda dritt issa tiftaħ azzjoni ta' rivalsa kontrih.*

*16. Bir-rispett, il-Qorti tqis din l-interpretazzjoni magħmula mill-intimat bħala waħda pależament skorretta. Minn imkien ma jirriżulta mill-Art. 10(3) jew minn xi artikolu ieħor tal-liġi illi l-assiguratur irid ta' bilfors jottjeni d-dikjarazzjoni in kwistjoni biex ikun jista' jeżerċita d-dritt ta' rivalsa kontra l-assigurat tagħha. Anzi, huwa l-Artikolu 12(1) innifsu illi fil-proviso tiegħu jipprovdi s-segwenti:*

> **"Iżda xejn f'dan is-subartikolu ma jobbliga assiguratur awtorizzat li jħallas somma minħabba r-responsabbilità ta' persuna għal ħaġ'oħra ħlief biex tiġi sodisfatta, f'kollox jew f'parti, dik ir-responsabbilità, <u>u kull somma mħallsa mill-assiguratur awtorizzat biex tiġi sodisfatta, f'kollox jew f'parti, ir-responsabbilità ta' persuna koperta bil-polza, bis-saħħa ta' dan is-subartikolu, tista' minnu tittieħed lura mingħand dik il-persuna</u>."**

*17. L-azzjoni taħt l-art. 10(3) hija biss tassattiva għall-assiguratur fil-każ illi dan ikun irid jibbenefika mill-eċċezzjoni għall-obbligu tiegħu taħt l-art. 10(1), ipprovduta fl-istess art. 10(3), issa meta jsir jaf illi l-polza li jkun biegħ lill-assiguratur tiegħu tkun ittieħdet bil-ħabi ta' fatt sostanzjali jew permezz tar-rappreżentazzjoni ta' fatt li jkun falz f'partikolarità sostanzjali.*

*18. In sostenn tal-argument tiegħu illi l-assiguratur m'għandux għażla iżda għandu obbligu sabiex jagħmel l-azzjoni taħt l-art. 10(3), l-intimat jgħid illi dan jirriżulta mill-kliem tal-liġi* "Ebda somma <u>ma jkollha</u> titħallas mill-assiguratur awtorizzat taħt id-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu" *jew bl-Ingliż* "No sum <u>shall be payable</u> by an authorised insurer under the foregoing provisions of this article". *Il-Qorti tqis illi din l-interpretazzjoni ma tagħmel l-ebda sens kemm jekk tittieħed litteralment*

*(f'liema każ huwa ċar illi hawnhekk il-leġislatur qed jirreferi biss għad-danni li altrimenti jkunu pagabbli lit-terz mill-assiguratur taħt l-Art. 10(1) u mhux għal danni li l-assiguratur ikun intitolat jirkupra mill-assigurat tiegħu) u wisq anqas mill-punto di vista legali. Fuq kollox l-art. 10(3) jirreferi biss għal meta l-assiguratur ikollu jedd jannulla polza abbażi ta'* non-disclosure or misrepresentation of material facts *fl-istadju tal-applikazzjoni u mhux meta si tratta ta' ksur ta' kundizzjoni tal-polza mill-assigurat bħal ma hija l-allegazzjoni f'din il-kawża.*

*19. Inoltre l-intimat jiċċita żewġ sentenzi mogħtija mill-Qrati tagħna, ossia dik mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet:* ***Citadel Insurance plc v. Carlos Falzon*** *(Rik. Ġur. Nru. 515/2016 MCH, 26/01/2017) u dik mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-ismijiet:* ***Montaldo Insurance Agency Limited noe v. Christian Bugeja et****. Madanakollu l-Qorti ma tarax kif dawn is-sentenzi b'xi mod jistgħu jkunu ta' soljev għall-pożizzjoni tal-intimat u bl-ebda mod ma jindirizzaw il-kwistjoni mressqa minnu.*

*Fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili l-każ kien jikkonsisti f'azzjoni miftuħa mill-assiguratur taħt l-Art. 10(3) kontra l-assigurat tagħha sabiex tottjeni dikjarazzjoni ġudizzjarja li* inter alia *polza tal-assigurazzjoni maħruġa lill-assigurat tagħha ai termini tal-art. 4(4) tal-Kap. 104 kienet nulla ab initio peress illi ttieħdet bil-ħabi ta' fatt sostanzjali u b'rappreżentazzjoni falza materjali. Skont l-assiguratur, fl-applikazzjoni tiegħu sabiex jottjeni l-polza l-assigurat tagħha kien wieġeb fin-negattiv għall-mistoqsija dwar jekk qatt kienx ġie misjub ħati fil-Qorti ta' xi reat mentri sussegwentement irriżulta lill-assiguratur illi l-assigurat kien ġie misjub ħati diversi drabi minn Qorti ta' kompetenza penali. Inoltre ftit qabel ma fetaħ il-kawża tal-assiguratur kien irċieva korrispondenza minn terz sabiex jagħmel tajjeb għall-ħsarat li kienu ġew allegatament ikkaġunati lilu mill-assigurat f'inċident awtomobilistiku.*

*Il-Qorti laqgħet it-talbiet tal-assiguratur billi* inter alia *ddikjarat il-polza* nulla ab initio *u ddikjarat illi l-assiguratur huwa eżenti milli jinjora kwalsiasi reklam minn terzi fil-konfront tal-intimat minħabba l-polza in kwistjoni.*

*Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) l-każ kien xi ftit jew wisq simili għal dak fis-sentenza l-oħra u kien jirrigwarda ukoll azzjoni mibdija mill-assiguratur ai termini tal-art. 10(3) (u milqugħa mill-Qorti) sabiex polza maħruġa lill-assigurat tagħha tiġi ddikjarata nulla minħabba misrappreżentazzjoni ta' fatti materjali.*

*Li hu żgur però huwa li ebda kawża minn dawn it-tnejn ma jittrattaw kwestjoni sollevata mill-intimat f'din il-kawża dwar il-ħtieġa* o meno *li l-assigurat jeżerċita l-azzjoni taħt l-art. 10(3) sabiex ikun jista' jdur kontra l-assigurat tiegħu. F'dan is-sens,*

*il-Qorti tħoss li għandha tiddeplora ċ-ċitazzjoni ta' sentenzi bl-addoċċ mingħajr ma wieħed jara sew jekk il-punt deċiż ikollux x'jaqsam mal-kawża in deżamina.*

*20. Il-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta li daħal fis-seħħ permezz tal-Ordinanza XXXVI tal-1939 huwa bbażat sostanzjalment fuq ir-*Road Traffic Act 1930 *tal-Ingilterra u parzjalment fuq l-emendi sussegwenti tal-istess Att u atti sussegwenti li daħlu fis-seħħ matul is-snin fosthom ir-*Road Traffic Act 1960. *Wara d-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea numru ta' emendi oħra ddaħħlu fis-seħħ sabiex jiġu implimentati numru ta' Direttivi tal-UE. Madanakollu l-art. 10 in kwistjoni ttieħed kważi kelma b'kelma mil-liġi Ingliża. Fl-Art. 207(1) tar-*Road Traffic Act 1960 *insibu per eżempju l-obbligu prinċipali tal-assiguratur li huwa analogu għal dak li jipprovdi l-art. 10(1) tal-Kap. 104:*

> **"If, after a certificate of insurance or certificate of security has been delivered under section two hundred and five of this Act to the person by whom a policy has been effected or to whom a security has been given, judgment in respect of any such liability as is required to be covered by a policy of insurance under section two hundred and three of this Act (being a liability covered by the terms of the policy or security to which the certificate relates) is obtained against any person who is insured by the policy or whose liability is covered by the security, as the case may be, then, notwithstanding that the insurer may be entitled to avoid or cancel, or may have avoided or cancelled, the policy or security, he shall, subject to the provisions of this section, pay to the persons entitled the benefit of this judgment any sum payable thereunder in respect of the liability, including any amount payable in respect of costs and any sum payable in respect of interest on that sum by virtue of any enactment relating to interest on judgments."**

*Hekk ukoll fl-Art. 207(3) tal-istess* Road Traffic Act 1960 *insibu dak li jipprovdi l-Art. 10(3) tal-liġi nostrana:*

> **"No sum shall be payable by an insurer under the foregoing provisions of this section if, in an action commenced before, or within three months after, the commencement of the proceedings in which the judgment was given, he has obtained a declaration that, apart from any provision contained in the policy or security, he is entitled to avoid it on the ground that it was obtained by the non-disclosure of a material fact, or by a representation of a fact which was false in some material particular, or, if he has avoided the policy or security on that ground, that he was entitled to do so apart from any provision contained in it: Provided that an insurer who has obtained such a declaration as aforesaid in an action shall not thereby become entitled to the benefit of this subsection as respects any judgment obtained in proceedings commenced before the**

**commencement of that action unless before, or, within seven days after, the commencement of that action he has given notice thereof to the person who is the plaintiff in the said proceedings specifying the nondisclosure or false representation on which he proposes to rely; and a person to whom notice of such an action is so given shall be entitled, if he thinks fit, to be made a party thereto."**

*Madankollu permezz tal-emendi li daħlu fis-seħħ fl-2019 (*The Motor Vehicles (Compulsory Insurance) (Miscellenaeous Amendments) Regulations 2019) *m'għadux iktar possibbli għal assiguratur fl-Ingilterra illi jikseb dikjarazzjoni analoga għal dik li assiguratur Malti jista' jikseb taħt l-Art. 10(3) tal-Kap. 104 wara li jkun seħħ l-att dannuż. Filfatt illum il-ġurnata l-Art. 152(2) tar-*Road Traffic Act 1989 *jipprovdi kif ġej:*

**"No sum is payable by an insurer under section 151 of this Act in connection with any liability if, <u>before the happening of the event,</u> which was the cause of death or bodily injury or damage to property giving rise to the liability, the insurer has obtained a declaration**

**(a) That, apart from any provision contained in the policy, he is entitled to avoid the policy under either of the relevant insurance enactments on the ground that it was obtained –**

**(i) By the non-disclosure of a material fact, or**

**(ii) By a representation of fact which was false in some material particular, or**

**(b) If he has avoided the policy under either of the relevant insurance enactments on that ground, that was entitled so to do apart from any provision contained in the policy and, for the purposes of this section, "material" means of such a nature as to influence the judgment of a prudent insurer in determining whether he will take the risk and, if so, at what premium and on what conditions."**

*Inoltre dwar id-dritt ta' rivalsa l-art. 151(8) tar-*Road Traffic Act 1988 *jipprovdi b'mod eżawrenti illi:*

**"Where an insurer becomes liable under this section to pay an amount in respect of a liability of a person who is not insured by a policy, he is entitled to recover the amount from that person or from any person who-**

**(a) Is insured by the policy by the terms of which the liability would be covered if the policy insured all persons, and**

**(b) Caused or permitted the use of the vehicle which gave rise to the liability."**

*Tajjeb jingħad illi minn imkien ma jirriżulta mil-liġijiet u sentenzi ta' Qrati Ingliżi illi f'każ ta'* non-disclosure *jew* misrepresentation of material facts *l-assiguratur irid*

*jottjeni dikjarazzjoni ta' nulità tal-polza qabel ma jkun jista' jdur fuq l-assigurat tiegħu sabiex jirkupra l-ħlas li jkun għamel lit-terz.*

*Kunsiderazzjonijiet dwar il-ksur tal-polza*

*21. Bħala riżultat tal-inċident awtomobilistiku* de quo *joħorġu b'mod ċar id-diversi relazzjonijiet li nħolqu jew setgħu jinħolqu ossia:*

*1. dik ibbażata fuq ħtija **akwiljana/delittwali** bejn it-terz danneġġjat u l-intimat li kien il-persuna li kien qed isuq. F'dan il-każ din ir-relazzjoni ġuridika ma ġietx invokata minħabba li t-terz aġixxa direttament kontra r-rikorrenti bħala l-assiguratriċi tal-vettura li kien qed isuq l-intimat ai termini tal-art. 10(1) tal-Kap. 104;*

*2. dik **ex-lege**, ibbażata fuq l-art. 10(1) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta bejn it-terz danneġġjat u l-kumpannija rikorrenti li kellha l-obbligu tar-riżarċiment tad-danni anke seta' jkollha ukoll id-dritt li tannulla jew tħassar il-polza vis-à-vis l-assigurat tagħha;*

*3. dik, applikabbli f'din il-kawża, ibbażata fuq id-dritt ta' **rivalsa** li għandha l-kumpannija rikorrenti vis-à-vis l-intimat bħala l-assigurat tagħha f'każ li jirriżulta li kien hemm **ksur tal-obbligi kuntrattwali** tal-polza min-naħa tal-assigurat. F'dan il-każ jiġi meqjus illi l-assigurat ma kienx kopert mill-polza u b'hekk l-assiguratur ikollu d-dritt għar-rimbors tal-ħlasijiet magħmula minnu lit-terz. Kif ġa ingħad, dan id-dritt joħroġ ukoll mid-dispożizzjonijiet tal-liġi ossia taħt l-art. 12(1) tal-Kap. 104.*

*22. Dan l-artikolu jipprovdi s-segwenti:*

**"12. (1) Meta ċertifikat ta' assigurazzjoni jiġi maħruġ taħt l-artikolu 4(4) lill-persuna li tkun ħadet il-polza, dak li fil-polza jkun qiegħed biex jirrestrinġi l-assigurazzjoni tal-persuna assigurata minn dik il-polza b'riferenza għal dawn il-ħwejjeġ li ġejjin:**

**(a) Il-kondizzjoni tal-persuna li ssuq il-vettura ...**

**... m'għandu ebda effett dwar dawk ir-responsabbiltajiet li għandhom ikunu koperti mill-polza taħt l-artikolu 4(1):**

**Iżda xejn f'dan is-subartikolu ma jobbliga assiguratur awtorizzat li jħallas somma minħabba r-responsabbilità ta' persuna għal ħaġ'oħra ħlief biex tiġi sodisfatta, f'kollox jew f'parti, dik ir-responsabbilità, u kull somma mħallsa mill-assiguratur awtorizzat biex tiġi sodisfatta, f'kollox jew f'parti, ir-responsabbilità ta' persuna koperta bil-polza, bis-saħħa biss ta' dan is-subartikolu, tista' minnu tittieħed lura mingħand dik il-persuna."**

*23. Fil-kawża in deżamina l-polza tal-assigurazzjoni in kwistjoni kellha fost affarijiet oħra l-kundizzjoni segwenti taħt is-sezzjoni tal-*General Exceptions *(fn. 20 – fol. 223-226):*

> "**Your policy does not cover the following:**
>
> **....**
>
> **2 Any accident, injury, loss or damage while any car insured under this policy is being:**
> **... b. Driven by, or is in the charge of, any person who:**
> **.. iv. At the time of driving the driver is under the influence of intoxicating liquor or drugs (other than drugs taken under medical supervision and not for the treatment of drug addiction).**"

*24. Il-kumpannija rikorrenti għalhekk għandha l-*onus probandi *illi tipprova lill-Qorti fuq bilanċ ta' probabbiltajiet illi l-intimat kien "*under the influence of intoxicating liquor" *fil-mumenti li ġara l-inċident awtomobilistiku in kwistjoni.*

*25. Għalkemm la fil-polza u lanqas fil-liġi tagħna m'għandna definizzjoni ta' sewqan li jkun "*under the influence of intoxicating liquor" *in omaġġ tal-prinċipju legali li l-kuntratti għandhom jiġu interpretati u eżegwiti in buona fede huwa ċar illi b'dawk il-kliem wieħed jifhem illi persuna li jsuq f'dik il-qagħda jkollu l-kapaċità li jsuq sew imnaqqsa* (impairment) *u b'hekk ma jkunx f'kundizzjoni li jsuq.*

*26. Ir-rikorrenti qed tistrieħ fuq il-fatt illi mir-rapport tal-Pulizija (fn. 21 fol. 27) irriżulta illi meta PS 251 Christian Abela amministra t-test tal-*breathalyser *lill-intimat dan irriżulta illi kellu 44 ug/100mL (ossia 44 mikrogramma ta' alkoħol f'mitt millilitru ta' nifs). Skont il-liġi in vigore fid-data ta' meta ġie amministrat dan it-test (fn. 22 art. 151 tal-Kap. 65) b'mod ġenerali l-limitu preskritt kien dak ta' 35 mikrogramma ta' alkoħol f'100 millilitru ta' nifs (illum il-ġurnata dan tniżżel għal 22 mikrogramma / 100 ml).*

*27. F'dan ir-rigward l-istess PS 251 Abela xehed quddiem l-Arbitru illi:*

> "... **għaliex il-mara ta' Mifsud bdiet tgħajjat li Camilleri kien fis-sakra, ħadt id-deċiżjoni li nissomministra breathalyser test lil Camilleri. Immarka pożittiv b'reading ta' 44 mg/100 ml. Dak iż-żmien il-limit konsentit kien 0.43 mg/100ml. Camilleri irrifjuta li jiffirma r-riżultat. Tressaq il-Qorti akkużat b'tal-breathalyser, slight injuries u ħsara involontarja fil-vettura ta' Mifsud. Il-Maġistrat kien Grazio Mercieca. Camilleri kien ħareġ liberat fuq tal-breathalyser iżda minix ċert dwar iż-żewġ akkużi l-oħra.**" *(fn. 23 fol. 182)*

*28. Kif sew irrimarka d-difensur tar-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tiegħu (fn. 24 fol. 235):*

> *"***Huwa ben magħruf illi jista' jkun hemm bosta raġunijiet permessi mil-liġi (per eżempju dawk proċedurali) li bihom wieħed jista' jiġi liberat minn akkuża li strettament ma għandha x'taqsam xejn mal-mertu tal-akkuża per se bir-riżultat illi persuna tista' tiġi liberata minn akkuża mingħajr ma l-Qorti tidħol fil-mertu tal-istess akkuża."**

*29. Ad eżempju li kieku* dato ma non concesso *PS 251 ma informax lill-intimat bid-dritt tiegħu li jikkonsulta avukat tal-fiduċja tiegħu qabel ma ġie mistoqsi jekk riedx jagħti kampjun tan-nifs (xi ħaġa li effettivament ma ġratx kif ħareġ mix-xhieda ta' PS 251 mogħtija quddiem l-Arbitru), jew jekk infurmah b'tali dritt wara li kien diġà amministralu t-test jew inkella jekk informah b'tali dritt, l-intimat irrinunzja għalih u d-dikjarazzjoni appożita ma ġietx iffirmata skont il-liġi, waħda biss minn dawn ir-raġunijiet kienu jkunu biżżejjed sabiex l-intimat qua imputat jiġi liberat mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.*

*30. Inoltre kif inhuwa magħruf l-oneru tal-prova fil-kamp penali huwa ferm iżjed oneruż minn dak rikjest fil-kamp ċivili peress illi jirrikjedi li l-Qorti mhux sempliċement tkun temmen iżjed iva milli le illi l-imputat ikun ħati tar-reat iżda trid tkun moralment konvinta lil hinn minn kull dubbju detat mir-raġuni li huwa hekk ħati.*

*31. Fl-eżerċizzju tal-apprezzament tal-provi li jsir minn Qorti f'kull kawża jiġu applikati numru ta' prinċipji legali, kif sew spjegat mill-Imħallef Grazio Mercieca fil-ktieb tiegħu "Massimarji tal-Imħallef Philip Sciberras Proċedura Ċivili l-Ewwel Volum". (fn. 25 P. 498). Fost dawn il-prinċipji nsibu:*

- *ir-regola tradizzjonali tal-piż tal-provi li timponi a karigu tal-parti li tallega fatt l-oneru li ġġib il-prova tal-eżistenza tiegħu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatt favorevoli li jikkostitwixxi l-bażi tad-dritt azzjonat minnu* (actori incumbit probatio)*, sija fuq il-konvenut għas-sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretiża tal-attur (*reus in excipiendo fit actor)*. Ara Kollez. Vol. XLVI.i.5).*
- *fil-kors tal-kawża dan il-piż jista' joxxilla minn parti għall-oħra, għax kif jingħad 'jista' jkun stabbilit fatt li juri prima facie li t-teżi tal-attur hija sostenuta'. (Kollez. Vol. XXXVII.I.577)*

*32. Il-Qorti tqis illi bil-provi li ressqet ir-rikorrenti jidher sew iżjed minn* prima facie *illi t-teżi tagħha li l-intimat kien qed isuq taħt l-influwenza tax-xorb hija sostnuta. Kien jinkombi fuq l-intimat għalhekk illi tenut kont il-provi mressqa mir-rikorrenti, jipprova jressaq provi li jxejnu l-pretensjoni tar-rikorrent (*reus in excipiendo fit actor).

*33. F'dan ir-rigward matul il-proċeduri quddiem l-arbitru (fn. 26 fol. 184) l-intimat sostna illi huwa ma kienx xurban u li l-inċident seħħ minħabba li l-vettura żviluppatilha ħsara fil-mekkaniżmu tal-i*steering:

"Dwar l-allegazzjoni li qiegħda ssir da parti tal-assigurazzjoni tiegħi, ngħid li jiena ma kontx fis-sakra. Kont spiċċajt ix-xogħol, u mort għand ommi, Birżebbugia, fejn ukoll noqgħod. Għand ommi ħadt żewġt ifliexken birra. Dan diġà għidtu meta xehedt fil-proċeduri kriminali li ttieħdu fil-konfront tiegħi. Madwar kwarta wara li kkonsmajt il-birra tlaqt mingħand ommi u kont sejjer qadja. L-aċċident seħħ meta qbadt Triq tal-Barrani u smajt ħoss fuq in-naħa t'isfel tal-vann, ippruvajt nikkontrolla l-vann għax ġibidli lejn il-ħajt fuq in-naħa tal-lemin. Għafast il-brejk, u malli għafast kisirli kollox u tlift il-kontroll u ġibidli l-lemin bir-riżultat li dħalt fuq is-*central strip* u lqatt il-karozza l-oħra. Jien weġġajt rasi. Kelli daqqa fuq moħħi. Kelli naqra demm. Meta ġew il-pulizija fuq il-post staqsewni kif ħbatt u għidtlu li lanqas biss naf. Meta hekk weġibtu l-pulizija qalli li ried jagħmel it-test tal-breathalyzer. Jien aċċettajt u ppruvahuli darba, darbtejn, tlieta. Mar fuq il-kollega tiegħu u qallu li l-breathalyzer ma kienx jaħdem sew. Il-kollega qallu biex iġibu ieħor. Imbagħad qallu, li laħaq ħadem waħdu. Ħariġli ċ-chit, talabni niffirma u jien m'aċċettajtx. M'aċċettajtx għax filli qed jgħidu li mhux qed jaħdem, kellhom iġibu ieħor mill-Għassa u ma ġabuhx u f'daqqa waħda ħadem. Għalhekk deherli li ma stajtx niffirma. Għalija li riedu mingħandi ma kinitx ġusta. Meta sewwejt il-vann, il-mekkanik qalli li marritli parti mill-isteering u kien għalhekk li ma kkontrollajtx ...

.. Qed issirli referenza għall-proċeduri kriminali li jien għaddejt minnhom. Qed niġi mistoqsi x'kien ir-riżultat tal-kawża li ħriġt illiberat. Qed niġi mistoqsi jekk nafx x'kienet ir-raġuni għaliex il-Qorti lliberatini, u nwieġeb għax il-Pulizija ma tellax provi biżżejjed li kont fis-sakra u tal-effett tal-alkoħol. Dak il-pulizija li ħadli t-test kien ġie jixhed u kien informa lill-Qorti b'dak li sab fit-test."

*34. Għalhekk l-intimat qed jistrieħ fuq tliet fatti prinċipali biex ixejjen it-teżi tar-rikorrenti li huwa kien qed isuq taħt l-effett tax-xorb:*

1. *L-inċident seħħ għaliex kienet marritlu parti mill-i*steering *li wasslu sabiex jitlef il-kontroll tal-vettura;*
2. *L-apparat tal-*breathalyser *kien difettuż;*
3. *Huwa ġie liberat mill-akkużi għaliex il-Pulizija ma tellax provi biżżejjed li kien qed isuq taħt l-effett tal-alkoħol.*

*35. Naturalment mhux biżżejjed illi l-intimat jagħmel dawn l-allegazzjonijiet biex isostni d-difiża tiegħu, daqs kemm ma kienx ikun biżżejjed li kieku per eżempju r-rikorrenti ma kellhiex ir-riżultat tal-*breathalyser *u kellha biss prova li l-intimat kellu*

*riħa ta' xorb. Dwar l-allegat difett fl-i*steering *l-intimat seta' jressaq provi billi jtella' jixhed lill-*mechanic *innifsu li skont l-intimat skopra b'tali difett. Dwar l-allegat difett fl-apparat tal-*breathalyser *l-intimat seta' jressaq provi billi jtilob li titressaq prova dwar l-apparat innifsu u jekk hemm bżonn lil rappreżentanti tal-manifattur tal-apparat. Rigward li ġie liberat mill-Qorti ta' Ġudikatura Kriminali minħabba l-fatt li l-Pulizija ma tellgħetx provi biżżejjed li kien qed isuq fis-sakra huwa kellu jressaq prova ta' dan billi jesebixxi s-sentenza (jew tal-inqas verbal tas-seduta) fejn minnha jirriżulta dan il-fatt. L-intimat naqas milli jressaq xi provi fir-rigward tal-allegazzjonijiet tiegħu, la quddiem l-Arbitru u lanqas quddiem din il-Qorti, għajr għax-xhieda ta' Dennis Fava li ngħatat quddiem l-Arbitru. (fn. 27 fol. 182-183). Dan ix-xhud inzerta li kien jaf lill-intimat peress li dan kien klijent tiegħu, wasal fuq il-post tal-inċident ftit wara li kien seħħ. Huwa sostna illi kien ra lill-Pulizija jippruvaw għal tliet darbiet jagħmlulu t-test tan-nifs u li kien sema' lil wieħed mill-Pulizija jgħid lill-ieħor li x'aktarx l-apparat kien difettuż. Sostna ukoll illi meta kellem lill-intimat dan kien jidher f'sensih u ma bediex jixxengel.*

*36. Meta tqabbel il-prova uffiċjali dokumentata miġjuba mir-rikorrenti mal-provi mressqa mill-intimat u partikolarment man-nuqqas tal-intimat li jsostni l-allegazzjonijiet tiegħu, il-Qorti ma ssib ebda diffikultà tgħid illi ssib il-verżjoni tar-rikorrenti ferm iżjed realistika u kredibbli. Huwa għalhekk illi l-Qorti qiegħda tqis illi verament l-intimat kiser il-kundizzjoni kuntrattwali in kwistjoni tal-polza b'dan li huwa għandu issa jagħmel tajjeb għall-ħlasijiet li r-rikorrenti kellha tagħmel lit-terz.*

***Deċiżjoni***

***Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti filwaqt li tiċħad l-eċċezzjoni tal-intimat tilqa' t-talbiet tal-kumpannija rikorrenti billi:***

1. ***Tiddikjara illi l-intimat kiser waħda mill-kundizzjonijiet tal-polza tal-assigurazzjoni rilaxxata lilu mir-rikorrenti rigward l-użu tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni FAE 695 billi kien qiegħed isuq taħt l-influwenza tax-xorb meta seħħ l-inċident awtomobilistiku tat-12 ta' Novembru, 2016;***
2. ***Tiddikjara għalhekk li r-rikorrenti għandha d-dritt ta' rimbors tas-somma (konsistenti f'danni, spejjeż u imgħaxijiet mill-20 ta' Settembru, 2017 u t-12 ta' Marzu, 2021) li ħallset lit-terz danneġġjat wara l-*****lodo** ***arbitrali tad-19 ta' Jannar, 2021, fl-ammont ta' ħamest elef disa' mija u tmintax-il euro u wieħed u tletin ċenteżmu (€5,918.31).***

3. ***Tikkundanna lill-intimat iħallas din is-somma lill-kumpannija rikorrenti flimkien mal-imgħaxijiet legali dekorribbli mis-17 ta' Marzu, 2021 sad-data tal-effettiv pagament.***

***L-ispejjeż ta' din il-kawża u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1845/2021 għandhom jiġu sopportati mill-intimat."***

## L-Appell

5. Fir-rikors tal-appell imressaq mill-intimat fit-12 ta' Lulju, 2023, dan talab lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza tal-Ewwel Qorti, u filwaqt li tiċħad it-talbiet tas-soċjetà rikorrenti fl-intier tagħhom, tilqa' l-eċċezzjonijiet tiegħu.

6. L-appellant qal li huwa ħassu aggravat għaliex l-Ewwel Qorti għamlet interpretazzjoni żbaljata tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 10 *et seq* tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan il-fatt wassal biex l-eċċezzjonijiet imressqa minnu ġew miċħuda. Qal li l-Ewwel Qorti eżaminat l-eċċezzjonijiet eċċepiti minnu, u qal li filwaqt li mhux ikkontestat li l-assiguratriċi tista' tirtira polza maħruġa minnha, irid ikun hemm raġuni tajba biex dan isir, imma trid tiġi adoperata l-proċedura kif stabbilita mil-liġi. Żied jgħid li l-Kap. 104 jippermetti li dan isir kemm qabel kif ukoll wara li jsir inċident, u għall-fini ta' din il-kawża, huwa l-artikolu 10(3) tal-Att li għandu japplika, għaliex il-polza tal-assigurazzjoni favur l-appellant kienet għadha *in vigore* meta seħħ l-inċident. Qal li kien biss konsegwenza ta' dan l-inċident li s-soċjetà appellata ddeċidiet li tirtira l-polza tal-assigurazzjoni tiegħu. L-appellant qal li fil-każ odjern mhuwiex ikkontestat li s-soċjetà appellata ma kisbet ebda dikjarazzjoni taħt l-artikolu 10(3) tal-Kap. 104, u għalhekk peress li lanqas setgħet tapplika xi eċċezzjoni oħra taħt l-artikolu 10(2), hija kienet tenuta tħallas lit-terz danneġġjat l-ammont tad-danni, imgħaxijiet u spejjeż likwidati mil-lodo arbitrali *ai termini* tal-artikolu 10(1) tal-

Kap. 104. Qal li sabiex is-soċjetà appellata jkollha dritt ta' rivalsa kontra l-assigurat tagħha, skont id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 104, din kellha f'kawża mibdija qabel jew fi żmien tliet xhur wara l-proċediment li fih ingħatat is-sentenza, tikseb dikjarazzjoni illi għandha l-jedd li tannulla l-polza tal-assigurazzjoni, u mhux li tagħmel hi arbitrarjament.

7. L-appellant żied jgħid li qabel jew fi żmien tliet xhur minn meta kien ingħata l-l*odo* arbitrali fl-ismijiet premessi, hija kellha tikseb tali dikjarazzjoni, iżda dan m'għamlitux, u għalhekk m'għandhiex id-dritt li tirkupra mingħand l-intimat b'rivalsa d-danni, l-imgħaxijiet u spejjeż likwidati mil-lodo arbitrali. Qal li din il-liġi tikkrea obbligu fuq is-soċjetà assiguratriċi li, qabel tibda l-kawża bħal ma bdiet is-soċjetà assiguratriċi, din tkun kisbet dikjarazzjoni li għandha jedd li tannulla l-polza, iżda din id-dikjarazzjoni ma kisbitiex, u għalhekk is-soċjetà appellata ma tistax tipproċedi b'azzjoni ta' rivalsa kontra l-appellant. Kompla jgħid li mill-provi mressqa, għandu jirriżulta li l-polza favur tiegħu ġiet ikkanċellata għaliex huwa allegatament kien taħt l-effetti tal-alkoħol fil-ħin meta seħħ l-inċident, u għalhekk kien kiser il-kundizzjonijiet tal-polza. L-appellant qal li dan qatt ma ġie ppruvat, u għalhekk din kienet biss sempliċi allegazzjoni li titfa' lilu f'dawl ħażin, bl-iskop li tiżvesti lis-soċjetà appellata minn kull responsabbilità. Qal li għalhekk ir-raġunament li wassal biex is-soċjetà appellata tirtira l-polza tal-assigurazzjoni, kien wieħed arbitrarju għaliex ma jilħaqx l-oneru rikjest biex l-allegazzjonijiet tal-appellata jkunu ġustifikati.

8. L-appellant qal li in vista tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 10 tal-Kap. 104, huwa ma jistax jaqbel mal-Ewwel Qorti, li r-raġunament tiegħu huwa skorrett. Kompla jgħid li l-Kap. 104 jipprovdi għal proċeduri separati sabiex ikopri l-istanzi

kollha li jistgħu jinqalgħu kemm qabel kif ukoll wara l-inċident, u għalhekk l-appellata dejjem setgħet tirrikorri għall-proċedura korretta jekk kellha aspettattivi ta' rivalsa fil-konfront tiegħu. L-appellant qal li filwaqt li l-Ewwel Qorti għamlet riferiment għall-artikolu 12(1) tal-istess Kap. 104, dan irid jiġi interpretat fil-kuntest tal-artikolu 10 tal-istess liġi, li ma jagħtix dritt awtomatiku lis-soċjetà rikorrenti sabiex tirrikorri għad-dritt ta' rivalsa, fejn il-proċedura l-korretta ma tkunx adoperata. Qal li l-ebda kumpannija tal-assigurazjoni m'għandha għażla, iżda jeżisti l-obbligu li dawn jagħmlu dak li titlob il-liġi skont l-artikolu 10(3) tal-Kap. 104.

9. L-appellant qal ukoll li l-Ewwel Qorti iddeċidiet arbitrarjament li huwa kien qiegħed isuq taħt l-effett tal-alkoħol, u dan wassal għal preġudizzju fil-konfront tiegħu. Kompla jgħid li f'din il-kwistjoni l-pern ta' kollox huwa jekk huwa kienx qiegħed isuq taħt l-effetti tal-alkoħol jew le, u f'każ li dan ma jiġix ippruvat, it-talbiet tas-soċjetà appellata ma jistgħux jintlaqgħu għaliex din ma jkollha l-ebda raġuni għalfejn tiġġustifika l-irtirar tal-polza tal-assigurazzjoni tiegħu. Spjega li meta huwa ġie mixli li saq taħt l-influwenza tal-alkoħol, il-Qorti tal-Maġistrati (Ġudikatura Kriminali) kienet illiberatu. Żied jgħid li l-appellata kellha ġġib provi sodi illi huwa kien xurban, u m'għandu jkun hemm l-ebda preżunzjoni li huwa kien xurban fil-ħin meta seħħ l-inċident. L-appellant saħaq li minkejja li l-kriterji adottati fil-kamp kriminali huma aktar stretti minn dawk fil-kamp ċivili, il-bilanċ ta' probabiltajiet fil-kamp ċivili jridu jkunu tali li jnissel iċ-ċertezza morali fil-*forma mentis* tal-ġudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabbiltajiet.

10. L-appellant qal li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tagħlaq għajnejha għal dak deċiż fil-konfront tiegħu fis-sentenza tas-17 ta' Novembru, 2017 mill-Qorti tal-Maġistrati (Ġudikatura Kriminali), meta huwa ġie lliberat mill-akkuża li kien qiegħed isuq taħt l-effett tal-alkoħol. Qal li dik id-deċiżjoni hija *res judicata,* u għalhekk m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li ladarba l-Qorti tal-Maġistrati (Ġudikatura Kriminali) ma kienitx sabitu ħati ta' dan ir-reat, l-Ewwel Qorti ma kellhiex issibu responsabbli għall-inċident in kwistjoni. Kompla jgħid li huwa kien ġie liberat għaliex il-Pulizija ma ppreżentatx biżżejjed provi li huwa kien fis-sakra, u għaliex kien hemm xhud li qal li huwa ma kienx xurban. Qal ukoll li l-*breathalyser test* li għamlulu l-Pulizija, kien wieħed difettuż, u fil-fatt it-test fuqu sar tliet darbiet għaliex dan ma kienx qiegħed jaħdem sew. Qal li huwa evidenti li ladarba l-*breathalyser test* kien difettuż, ma kien hemm l-ebda evidenza soda li huwa verament kien qiegħed isuq taħt l-effett tal-alkoħol fil-ħin meta seħħ l-inċident. Qal ukoll li l-mekkanik li sewwielu l-vann, kien infurmah li l-inċident seħħ għaliex parti mill-i*steering* kienet żviluppat ħsara, u għalhekk huwa ma kkontrollax il-vettura.

11. L-appellant qal li bħala fatt is-soċjetà appellata m'appellatx mil-*lodo* arbitrali, fejn hija talbet li tingħata dikjarazzjoni li hija ma kellhiex twieġeb għad-danni sofferti mit-terz, u kellu jwieġeb biss l-appellant għaliex kien qiegħed isuq taħt l-effett tal-alkoħol. Qal li dan ifisser li l-każ huwa *res judicata* u s-soċjetà appellata, permezz ta' dawn il-proċeduri, issa qiegħda tipprova tikseb id-dikjarazzjoni li ma rnexxiliex tikseb permezz tal-*lodo* arbitrali.

12. L-appellant qal li anki l-fatt materjali tal-konsum ta' żewġ fliexken birra, ma setax jirrendih fi stat ta' sakra, tant hu hekk li t-terz fix-xhieda tiegħu

quddiem l-Arbitru, imkien ma qal li huwa kien qiegħed isuq taħt l-influwenza tax-xorb. Qal li ladarba t-test tan-nifs ma kienx attenibbli fil-kamp kriminali, dan m'għandux jiġi aċċettat fil-kamp ċivili, aktar u aktar meta x-xhieda kollha prodotti jxejnu t-teżi tal-appellata li huwa kien qiegħed isuq taħt l-effetti tax-xorb.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

Is-soċjetà appellata wieġbet li s-sentenza appellata hija korretta u timmerita konferma. Qalet li l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri seħħ fit-12 ta' Novembru 2016 waqt li l-appellant kien qiegħed isuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni FAE 695 ġewwa Triq il-Barrani fil-limiti taż-Żejtun, meta huwa spiċċa fuq in-naħa ħażina tat-triq billi qabeż is-*central strip,* u b'hekk kien involut f'inċident mal-vettura targata OUR 918 misjuqa minn ċertu Mark Christopher Mifsud, li dak il-ħin kienet għaddejja min-naħa opposta tat-triq. Is-soċjetà appellata kompliet tispjega li wara l-inċident, fuq talba tal-Pulizija, l-appellant għamel *breathalyser test,* li rriżulta fil-pożittiv u kien qiegħed jimmarka 0.44ug/100ml Qalet li l-appellant kien assigurat taħt polza tal-assigurazzjoni tat-tip '*third party'* rilaxxata minnha, u għamel *claim* fir-rigward ta' dan l-inċident, fejn qatt ma indika li huwa kien intalab jagħmel *breathalyser test* in segwitu għall-inċident, liema test irriżulta fil-pożittiv. Qalet li meta hi saret taf li l-assigurat tagħha kien xurban meta seħħ l-inċident, hija rrifjutat li tħallas lit-terz Mark Christoper Mifsud għad-danni sofferti minnu konsegwenza tal-inċident, u dan minkejja li Robert Camilleri nnifsu kien ammetta li huwa kien responsabbli għall-inċident, anki billi kien kiser il-kundizzjonijiet tal-polza.

14. Qalet li l-*policy exclusions,* kopja ta' liema ġiet esebita minnha, juru dik li hija l-qofol tal-kwistjoni li abbaża tagħha l-appellant għandu jħallasha lura dak li hija ħallset lit-terz. Qalet li fid-19 ta' Settembru, 2017 Mark Christopher Mifsud ippreżenta talba bil-miktub fiċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ kontra tagħha skont l-artikolu 9A tal-Kap. 104 għad-danni sofferti minnu b'konsegwenza ta' dan l-inċident, u fir-risposta ppreżentata mill-appellant fid-19 ta' Frar, 2018, huwa ammetta li kien responsabbli għall-inċident, iżda kkontesta d-danni għaliex huma esaġerati. Qalet li l-appellant ma ġab l-ebda prova sodisfaċenti li l-ammont pretiż minnha kien wieħed esaġerat jew mhux ġustifikat jew eċċessiv, u l-appellant lanqas ma interpona appell mid-deċiżjoni tal-Arbitru li ngħatat fid-19 ta' Jannar, 2021. Qalet li tul il-proċeduri arbitrali l-appellant baqa' jsostni li huwa ma kienx xurban fil-ħin tal-inċident, u għalhekk ma kienx hemm ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza kif qiegħda ssostni hi, minkejja li huwa stess ammetta li ftit qabel kien xorob żewġ fliexken birra. Qalet ukoll li s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Ġudikatura Kriminali) imkien ma tgħid għal liema raġuni l-appellant ġie liberat. Qalet li fil-proċeduri arbitrali hija talbet id-dritt ta' rivalsa kontra l-appellant f'każ li tinstab li hija obbligata tħallas tad-danni sofferti minn Mark Christopher Mifsud, a tenur tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta. Qalet li bil-*lodo arbitrali* tad-19 ta' Jannar, 2021, ġie deċiż li l-appellant kien unikament responsabbli għall-inċident in kwistjoni, u GasanMamo Insurance Limited u Robert Camilleri bejniethom kellhom iħallsu lil Mifsud is-somma ta' €3,801.01 bl-imgħax dekorribbli mill-20 ta' Settembru, 2017 sad-data tal-pagament effettiv. Qalet li minn dan il-*lodo* arbitrali ma sar l-ebda appell min-naħa tal-appellant jew minnha. Żiedet tgħid li konsegwenza ta' dan il-*lodo,* u wara interpellazzjoni minn Mark Christopher Mifsud, hija ħallset l-ammont li

jikkomprendi s-sorte, l-imgħaxijiet u l-ispejjeż *ai termini* tal-artikolu 10 tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta. Żiedet tgħid li dan il-pagament kellu jsir mill-appellant u mhux minnha, għaliex kien hemm ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza, bir-riżultat li l-obbligu tagħha li tħallas l-imsemmija danni kien biss dak naxxenti mill-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta fejn ukoll hemm dritt ta' rivalsa, u mhux mill-polza *per se* kif kien ikun il-każ f'ċirkostanzi normali minħabba r-rabta kuntrattwali bejn is-soċjetà assiguratriċi u l-assigurat tagħha oltre l-artikolu 12.

15. Is-soċjetà appellata spjegat li l-ammont imħallas minnha lil Mark Christopher Mifsud jammonta għal €5,918.31, liema somma hija riflessa fil-Mandat ta' Sekwestru nru. 1844/2021 maħruġ kontra l-appellant, liema ammont ġie ddepożitat fir-Reġistru tal-Qorti. Qalet li tul dawn il-proċeduri l-appellant sostna li huwa ma kienx xurban meta seħħ l-inċident, u ma kien hemm l-ebda ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza kif qiegħda ssostni hi. Kompliet tgħid li fis-sistema ġuridika tagħna huwa possibbli li akkużat jinħeles mill-akkużi miġjuba kontrih fil-qorti kriminali għaliex il-Prosekuzzjoni ma tkunx ippruvat il-każ sal-grad rikjest, iżda xorta waħda jista' jinstab responsabbli għad-danni fil-qorti ċivili. Qalet li dak li rriżulta waqt l-investigazzjoni tal-Pulizija u li sussegwentement ġie kkonstatat fir-*Road Accident Report,* huwa suffiċjenti bħala prova li fil-ħin tal-inċident l-appellant kien xurban oltre l-livell ta' alkoħol permess bil-liġi.

16. Is-soċjetà appellata saħqet li minkejja li l-appellant jagħmel riferiment għall-artikolu 10(3) tal-Kap. 104, dan mhuwiex applikabbli għaċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, għaliex dan l-artikolu jirregola l-pożizzjoni ta' assiguratur li jrid jannulla polza ta' assigurazzjoni f'każ ta' ħabi ta' fatt sostanzjali jew jekk ġie

rappreżentat fatt li kien falz. Qalet li l-pożizzjoni tal-assiguratur fil-każ odjern hija regolata bl-artikoli 12 u 6 tal-Kap. 104, li jirreferu għall-kundizzjoni tal-persuna li tkun qed issuq il-vettura, u d-dritt tas-soċjetà assiguratriċi li tiġbor kull ammont li hija tkun ħallset lit-terzi a tenur tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, anki meta jkun hemm ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza għaliex l-appellant kien xurban fil-ħin tal-inċident.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

17. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji mressqa mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, u tas-sottomissjonijiet magħmula mis-soċjetà appellata.

*<u>L-Ewwel Aggravju</u>*

18. L-appellant jgħid li huwa ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti, għaliex fil-fehma tiegħu, din għamlet interpretazzjoni żbaljata tal-artikolu 10 *et seq* tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta. Qal li fil-każ odjern kellu japplika l-artikolu 10(3) tal-Kap. 104, għaliex il-polza tal-assigurazzjoni kienet valida meta seħħ l-inċident, u l-polza ġiet irtirata mis-soċjetà assiguratriċi wara li seħħ l-inċident. Kompla jgħid li ladarba ma saret l-ebda proċedura taħt l-artikolu 10(3) tal-Kap. 104, ma setgħet tiġi invokata l-ebda waħda mill-eċċezzjonijiet taħt l-artikolu 10(2) tal-Kap. 104, u s-soċjetà assiguratriċi kellha l-obbligu ġġib dikjarazzjoni li kellha d-dritt li tannulla l-polza. Qal li l-polza ġiet annullata unilateralment mis-soċjetà appellata wara li din allegat li huwa kien xurban waqt li kien qiegħed

isuq, meta ma nġabet l-ebda prova ta' dan. L-appellant qal ukoll li l-artikolu 12(1) tal-Kap. 104m'għandu l-ebda eżistenza awtonoma mill-artikolu 10.

19. Il-Qorti kkunsidrat fit-tul id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti, li ddeċidiet li l-artikolu 10(3) tal-Kap. 104 jagħti jedd lill-assiguratur jipproċedi biex jannulla l-polza f'każ li din tkun ittieħdet bil-ħabi ta' fatt sostanzjali, jew għaliex ikun ġie rappreżentat fatt li jkun falz f'partikolarità sostanzjali, jew ikun annulla l-polza minħabba waħda minn dawn iż-żewġ raġunijiet. L-Ewwel Qorti ddeċidiet li s-soċjetà appellata ma kellha l-ebda obbligu li tikseb dikjarazzjoni taħt l-artikolu 10(3) tal-Kap. 104 biex tkun tista' tibda azzjoni ta' rivalsa. Qalet li l-azzjoni taħt l-artikolu 10(3) tal-Kap. 104 hija tassattiva biss għall-assiguratur f'każ illi dan ikun irid jibbenefika mill-eċċezzjoni għall-obbligu tiegħu taħt l-artikolu 10(1) tal-Kap. 104, u l-artikolu 10(3) tal-Kap. 104 jirreferi biss għal meta l-assiguratur ikollu jedd jannulla l-polza abbażi ta' *non-disclosure* jew *misrepresentation of material facts* fl-istadju tal-applikazzjoni, u mhux meta jkun hemm kundizzjoni tal-polza li ġiet miksura, kif ġie allegat fil-każ odjern. Kien għalhekk li l-Ewwel Qorti qieset li fiċ-ċirkostanzi odjerni kellhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-artikolu 12(1) tal-Kap. 104, u qieset li l-jedd ta' rivalsa kontra l-assigurat jitwieled jekk jirriżulta li kien hemm ksur tal-obbligi kuntrattwali tal-polza min-naħa tal-assigurat. Kien hawnhekk li l-Ewwel Qorti qieset li fuq bilanċ ta' probabbiltajiet u safejn il-provi li kellha quddiemha kienu jwasslu, jirriżultalha li l-appellant kien qiegħed isuq taħt l-effett tal-alkoħol fil-ħin li seħħ l-inċident, u għalhekk is-soċjetà appellata kellha raġun issostni li l-kundizzjonijiet tal-polza ġew miksura mill-appellant.

20. Hawnhekk il-Qorti tirrileva li l-azzjoni li ħadet is-soċjetà appellata fil-konfront tal-appellant, dik ta' rivalsa, hija bbażata fuq inadempjenza kuntrattwali, in kwantu l-appellant fil-fehma tas-soċjetà appellata, naqas milli josserva l-obbligi u l-kundizzjonijiet imposti fuqu mal-ħruġ tal-polza. Waħda mill-kundizzjonijiet tal-polza maħruġa favur l-appellant kienet timponi fuqu l-obbligu li dan ma jsuqx meta jkun taħt l-effett tal-alkoħol, u ladarba fil-fehma tas-soċjetà appellata dan l-obbligu nkiser, l-appellant sar responsabbli għar-riżarċiment tad-danni kollha li l-appellata kienet obbligata tħallas lit-terz involut fl-inċident awtomobilistiku in kwistjoni.

21. Filwaqt li kemm l-artikolu 10(1), u kemm l-artikolu 12(1) tal-Kap. 104, jagħmlu riferiment għal ċertifikat tal-assigurazzjoni li jkun inħareġ taħt l-artikolu 4(4) tal-Kap. 104 lill-persuna li favur tagħha tkun inħarġet il-polza, m'hemm xejn li jorbot l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 12(1) mad-disposizzjonijiet li jirregolaw l-artikolu 10(1), (2) u (3) tal-Kap. 104. L-artikolu 12(1) tal-Kap. 104 għandu eżistenza u applikazzjoni separata mill-artikolu 10, u huwa maħsub biex jirregola l-jedd ta' azzjoni ta' rivalsa li tista' tinbeda mill-assiguratur f'każ li lil dan jirriżultalu li fil-ħin meta seħħ l-inċident, kien hemm ksur jew nuqqas ta' adempiment tal-kundizzjonijiet tal-polza. F'azzjoni ta' rivalsa, hija l-imġiba tal-assigurat fil-ħin tal-inċident li tista' tirrendi l-polza waħda nulla, minħabba ksur ta' xi kundizzjoni tagħha. Min-naħa l-oħra, l-artikolu 10 tal-Kap. 104 huwa maħsub biex jirregola sitwazzjoni fejn tingħata sentenza fil-konfront ta' persuna assigurata taħt polza li tinħareġ taħt l-artikolu 4(1) tal-istess Att, dwar responsabbilità li għandha tkun koperta minn polza. L-artikolu 10(3) tal-Kap. 104 imbagħad jipprovdi li ebda somma m'għandha titħallas mill-assiguratur awtorizzat, jekk f'kawża mibdija fiż-żmien indikat f'dik

id-disposizzjoni, huwa jkun kiseb dikjarazzjoni li, apparti l-kundizzjonijiet tal-polza, huwa għandu jedd jannullaha għaliex din kienet ittieħdet bil-ħabi ta' xi fatt sostanzjali jew billi ġie rappreżentat fatt li kien falz f'xi partikolarità sostanzjali. L-artikolu 10(3) tal-Kap. 104, għalhekk għandu japplika fil-każ ta' polza li jista' jingħad li ma messha qatt inħarġet, għaliex biex inħarġet kien hemm il-ħabi ta' xi fatt sostanzjali, jew rappreżentazzjoni ta' fatt falz dwar xi partikolarità sostanzjali.

22. Il-parti rilevanti tal-artikolu 12(1) tal-Kap. 104 appena msemmi, jipprovdi illi:

> "12. (1) Meta ċertifikat ta' assigurazzjoni jiġi maħruġ taħt l-artikolu 4(4) lill-persuna li tkun ħadet il-polza, dak li fil-polza jkun qiegħed biex jirrestrinġi l-assigurazzjoni tal-persuna assigurata minn dik il-polza b'riferenza għal dawn il-ħwejjeġ li ġejjin:
>
> a) Il-kundizzjoni tal-persuna li ssuq il-vettura; jew
>
> ...
>
> M'għandu ebda effett dwar dawk ir-responsabbiltajiet li għandhom ikunu koperti mill-polza taħt l-artikolu 4(1):
>
> Iżda xejn f'dan is-subartikolu ma jobbliga assiguratur awtorizzat li jħallas somma minħabba r-responsabbilità ta' persuna għal ħaġ'oħra ħlief biex tiġi sodisfatta, f'kollox jew f'parti, dik ir-responsabbilità, u kull somma mħallsa mill-assiguratur awtorizzat biex tiġi sodisfatta, f'kollox jew f'parti, ir-responsabbilità ta' persuna koperta bil-polza, bis-saħħa biss ta' dan is-subartikolu, tista' minnu tittieħed lura mingħand dik il-persuna."

23. Fil-każ odjern, il-polza tal-assigurazzjoni li kien kopert biha l-appellant, kienet teskludi mill-kopertura tagħha, danni kkawżati minn persuni li jkunu qegħdin isuqu taħt l-influwenza tax-xorb. Ladarba fil-każ odjern ġie stabbilit li waħda mill-kundizzjonijiet li tinvalida l-polza ġiet miksura mill-appellant, is-soċjetà assiguratriċi setgħet tinħall mill-obbligu unilaterali tagħha fil-konfront

tat-terz li altrimenti kien ikollha tkoprih billi tiftaħ proċeduri *ad hoc*. In-natura tal-azzjoni mibdija mis-soċjetà appellata fil-konfront tal-appellant, hija dik deskritta b'mod tajjeb ħafna minn din il-Qorti diversament preseduta, fis-sentenza fl-ismijiet **Hugh P. Zammit nomine *vs.* John Mifsud et**[1], fejn il-Qorti qalet:

> *"... l-azzjoni attriċi fil-verità ma tikkonċernax danni akwiljani iżda danni kuntrattwali. L-azzjoni hija bbażata fuq inadempjenza kontrattwali in kwantu l-assigurat ... naqas li josserva l-obbligi imposti fuqu bħala kundizzjoni tal-ħruġ tal-polza tal-assigurazzjoni in kwistjoni .. Għalhekk ir-radd lura tal-flus imħallsa mis-soċjetà attriċi mhuwiex bażat fuq riżarċiment ta' danni akwiljani, iżda huwa bbażat fuq in-nuqqas tal-appellant li josserva debitament il-kuntratt ta' assigurazzjoni li kien jeżisti bejnu u bejn is-soċjetà appellata."*

24. Il-Qorti tqis li m'hemm xejn li jorbot l-azzjoni taħt l-artikolu 12(1) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta ma' dak li jipprovdi l-artikolu 10(2) u (3) tal-istess liġi, u għalhekk is-soċjetà appellata setgħet tipproċedi b'dawn il-proċeduri kontra l-appellant, mingħajr il-ħtieġa li tosserva dak li jgħid l-artikolu 10 tal-Kap. 104. Fil-każ odjern m'hemmx polza li ma messhiex inħarġet, jew li kienet nulla għaliex inħarġet abbażi ta' misrappreżentazzjoni ta' fatt materjali, iżda kien hemm polza li ġiet reża nulla minħabba azzjoni unilaterali min-naħa tal-appellant.

25. L-appellant jgħid ukoll li s-soċjetà appellata ma seħħilhiex tipprova li huwa kien qiegħed isuq taħt l-influwenza tax-xorb, u konsegwentement il-pern li fuqu qiegħda tibbaża l-azzjoni tagħha ta' rivalsa fil-konfront tiegħu, għandu jaqa'.

[1] 01.04.2005.

26. Sabiex l-azzjoni taħt l-artikolu 12(1) tal-Kap. 104 tirnexxi, l-allegazzjoni ta' min jgħid li kien hemm ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza trid tiġi ppruvata. Fil-każ odjern, is-soċjetà appellata tgħid li hemm ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza għaliex l-appellant kien qiegħed isuq taħt l-influwenza tax-xorb. L-appellant jgħid li huwa ġie liberat mill-Qorti tal-Maġistrati (Ġudikatura Kriminali) mill-akkuża li saq taħt l-influwenza tax-xorb, u fi kwalunkwe każ ir-riżultat tat-test tal-*breathalyser* li ntuża fuqu mhuwiex preċiż għaliex l-apparat li ntuża kien difettuż. Jgħid li meta ħa l-vettura tiegħu għat-tiswija, il-mekkanik li ħadem fuqha kien infurmah li huwa kellu ħsara fl-i*steering* tal-vettura tiegħu, u għalhekk l-inċident li jifforma l-mertu ta' dawn il-proċeduri, ma ġiex ikkawżat mill-kundizzjoni li kien fiha l-appellant waqt is-sewqan, iżda għal raġunijiet li huwa ma kellux kontroll fuqhom.

27. Dan kollu diġà ġie kkunsidrat mill-Ewwel Qorti, li qieset li l-appellant naqas milli jġib prova tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Ġudikatura Kriminali) li lliberatu mill-akkuża li huwa kien qiegħed isuq taħt l-influwenza tax-xorb, u kkunsidrat ukoll li l-liberatorja setgħet ingħatat għal raġunijiet ta' proċedura li jmorru lil hinn mill-mertu veru u proprju tal-azzjoni li ttieħdet fil-konfront tal-appellant. L-Ewwel Qorti qieset ukoll li l-appellant ma tellax jixhdu lill-uffiċjali tal-Pulizija li amministrawlu t-test tal-*breathalyser*, minkejja li allega li huwa semgħahom jgħidu li l-apparat li ntuża fuqu kien wieħed difettuż. L-appellant lanqas ma pproduċa bħala xhud lill-mekkanik li huwa jgħid li kien infurmah li l-vettura tiegħu żviluppat ħsara fl-i*steering,* u li kien għalhekk li ġie kkawżat l-inċident. L-Ewwel Qorti straħet fuq il-prova li mit-test tal-*breathalyser* li sar fuq l-appellant, irriżulta li l-livelli ta' alkoħol fid-demm tiegħu ftit tal-ħin wara li seħħ l-inċident, kienu jeċċedu l-limiti stabbilit mil-liġi. Din il-

prova induċiet fl-Ewwel Qorti l-konvinċiment morali meħtieġ li l-appellant verament kien fi stat xurban fil-ħin li fih seħħ l-inċident. Din il-Qorti, fin-nuqqas ta' prova li tikkonferma li l-apparat li ntuża fuq l-appellant verament kien difettuż, jew li ta *reading* li seta' ma kienx korrett, m'għandha l-ebda raġuni għalfejn tiskarta r-riżultat uffiċjali ta' test xjentifikament approvat, meta kien l-appellant stess li ammetta li ftit ħin qabel l-inċident huwa kien xorob żewġ fliexken birra. Li l-appellant qal li b'daqshekk huwa ma kienx ser jisker, ma jfisser xejn. L-inċident in kwistjoni seħħ meta l-appellant għal xi raġuni sab ruħhu fuq in-naħa l-oħra tat-triq wara li qasam minn fuq *central strip,* u għalhekk l-inċident in kwistjoni ma jistax jitqies li kien wieħed minuri jew wieħed mingħajr konsegwenzi. L-unika prova li tista' titqies li hija oġġettiva f'dawn il-proċeduri, hija r-riżultat tal-*breathalyser* test li sar fuq l-appellant. Il-Qorti tqis li m'hemm xejn x'jiġi ċċensurat fis-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward. Il-Qorti hija tal-fehma li lanqas il-*lodo* arbitrali fl-ismijiet **Mark Christopher Mifsud *vs.* GasanMamo Insurance Limited et** m'huwa ta' konfort għall-pożizzjoni tal-appellant, għaliex l-Arbitru f'dawk il-proċeduri għamilha ċara li huwa ma ntalabx jissindaka r-relazzjoni kuntrattwali bejn is-soċjetà intimata assiguratriċi u l-appellant kjamat fil-kawża, u skont it-*terms and references* tal-arbitraġġ, huwa lanqas intalab jagħmel dan. L-Arbitru qal biss li r-responsabbilità għall-inċident li seħħ, kienet ammessa min-naħa tas-soċjetà assiguratriċi u mill-assigurat tagħha. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti sejra tgħaddi biex tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti fl-intier tagħha.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dan l-appell billi tiċħad l-aggravji mressqa mill-appellant, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti, u l-ispejjeż ta' dan l-appell, huma a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**